KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ**

**IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA**

***Laqgħa Numru Tlieta u Sittin (63)***

***It-Tnejn, 12 ta' Ġunju, 2023***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI (attendiet fis-6pm) |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

ANGELICO BALDACCHINO - resident

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa.

**63.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

63.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsillier Andreas Gatt m'attendiex għal iktar minn terz tal-laqgħat imsejħa fi żmien sitt xhur kif ukoll għal erbgħa laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill. Din il-materja se titpoġġa fl-Aġenda tal-Laqgħa li jmiss.

**63.2 Apoloġija mis-Sindku dwar atteġġjament tiegħu waqt diskussjoni fil-konfront tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' dawk preżenti**

63.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq din il-materja fuq l-aġenda minħabba li xtaq jitlob apoloġija pubblika dwar l-atteġġjament li kellu waqt diskussjoni fl-aħħar laqgħa. Huwa qal li l-atteġjament tiegħu ma kienx aċċettabbli u r-reazzjoni kienet xi ftit eċċessiva. Din l-apoloġija ġiet aċċettata.

**63.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

63.3.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 61 li nżammet nhar it-Tlieta, 16 ta' Mejju, 2023.

63.3.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 61 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

63.3.3 **Mozzjoni 63-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 61.
Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech
Il-Minuti Numru 61 ġew approvati unanimament.

63.3.4 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 62 li nżammet nhar it-Tlieta, 22 ta' Mejju, 2023.

63.3.5 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 62 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

63.3.6 **Mozzjoni 63-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 62.
Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech
Il-Minuti Numru 62 ġew approvati unanimament.

## 63.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

### *A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 63(08) – Ġunju 2023*

63.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 63(08) permezz cheque numru 7218 (ref. 10830) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10819 sa 10849 li jammontaw €36,513.85

63.4.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

63.4.3 **Mozzjoni 63-03**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 63(08) bl-ammont ta' €36,513.85

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 63(08) ġiet approvata unanimament.

## 63.5 Korrispondenza

63.5.1 Tressqet korrispondenza dwar il-Laqgħa Plenarja li se ssir nhar is-Sibt 17 ta' Ġunju. Il-Kunsilliera Rose Agius ikkonfermat li se tattendi.

63.5.2 Tressqet korrispondenza mingħand il-Librara dwar talba finanzjarja għall-kotba ġodda għal-Librerija. Il-Kunsill approva budget ta' €1000.

63.5.3 Tressqet korrispondenza dwar The World Cleanup Campaign 2023. Il-Kunsill qabel li jibgħat lir-Reġjun li se jipparteċipa. Bħala żoni l-aħjar li jitnaddfu fejn il-grawnd tal-futbol u fejn hemm l-istands tan-Nursery kif ukoll il-parking area. Il-Kunsill ippropona ukoll li nitolbu lis-surmast tal-iskola sabiex jassistina. Dwar dan il-Kunsill qabel.

63.5.4 Tressqet korrispondenza dwar is-sitwazzjoni fi Triq San Filippu, fejn il-Kunsill talab li jiltaqa' ma Transport Malta sabiex tinstab soluzzjoni dwar l-immaniġjar tat-traffiku. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Laqgħa mas-CEO ta' TM ser issir nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju fl-10am.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa is-Sur Baldacchino, resident, talab lill-Kunsill intervent. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.*

Is-Sur Baldacchino ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill statistika dwar l-aċċidenti li saru fl-imsemmija triq f'dawn l-aħħar xhur, fejn sostna li żdiedu l-aċċidenti. Huwa qal li din l-istatistika se jkun qed jagħddiha lill-Kunsill permezz ta' email. Is-Sur Baldacchino irringrazzja lill-Kunsill tal-intervent.

*F'dan l-istadju is-Sur Baldacchino ħareġ mill-kamra filwaqt li attendiet il-Vici Sindku Christine Dalli (6:00pm)*

Rigward il-Laqgħa mas-CEO ta' Transport Malta il-Kunsill qabel ukoll li jiddiskuti dawn il-punti:

(i) Il-Junction il-ġdida proposta li ssir fi Triq il-Valletta
(ii) Il-Junction li hemm proposta għal proġett li se jsir fejn l-impjant ta' Schembri Barbros
(iii) Traffic Managament fiż-żona ta' Bir id-Deheb
(iv) Ċint fi Trejqet Santu Kristu minħabba l-periklu

63.5.5 Rigward il-funtana, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kejl taż-żona li saret bil-concrete imprint huwa ta' 72.78 sq.m filwaqt li fl-istima kien hemm 50sq.m Naraw il-kejl tal-area jekk hu simili nħallsuh.

Fir-rigward tad-dawl tal-istess funtana l-ispiża ammontat €4065.10 minħabba li *labour costs* huma ta' 16-il siegħa. Qabel jitħallas jtina ir-remote, ċavetta u kif tahdem.

63.5.6 Tressqet korrispondenza mingħand Ghaxaq Wolves FC dwar talba għal clearance quddiem il-Każin tal-PN fi Triq San Pawl. Naghtuhom No Parking Signs u naraw x attività se ssir. Min hu responsabbli mit-tmexxija ta Ghaxaq Wolves

63.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza dwar invit għaċ-Ċelebrazzjoni tat-30 sena ta' Gvern Lokali li se ssir fit-30 ta' Ġunju. Il-Kunsilliera Rose Agius ikkonfermat li se tattendi.

63.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba mingħand il-ħaddiema tal-Kunsill sabiex bħala ħlas tat-tindif wara l-kunċerti jiżdied ftit. Il-Kunsill qabel li jżomm mad-deċiżjoni li ħa li jingħataw €250 kull wieħed għal kull kunċert, iżda l-Kunsill għandu jikkunsidra li fil-kunċerti ta' Santa Marija jżid il-ħlas għal €350 minħabba li x-xogħol sar sewwa matul il-lejl u sat-8am it-tindif kien lest.

## 63.6 <u>Proġett ġdid propost mill-privat fi Triq Tal-Barrani</u>

63.6.1 Il-Kunsillier Keith Fenech talab li din il-materja tkun fuq l-Agenda minħabba li f'dan il-proġett hemm propost li ssir *roundabout*. Huwa ssuġġerixxa li din għandha tiġi diskussa mat-Transport Malta biex naraw eżatt x'inhi l-proposta. Dan minħabba li jekk se ssir *roundabout* oħra tista' toħloq konġestjonijiet minħabba li f'tal-Barrani hemm proposta *junction* oħra.

63.6.2 Il-Kunsillier Keith Fenech ippropona li tintbagħat ittra lill-applikant fejn nitolbu li jgħaddilna kopja tat-Traffic Impact Assessment, kif ukoll il-pjanti u *presentation* fuq din it-*traffic junction* proposta. Dwar dan il-Kunsill qabel.

**63.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

63.7.1 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bżonn tindif fit-triq tal-ground l-isfel minħabba li l-ħaxix kiber ħafna u hemm bżonn jinqata'. Is-Sindku qal ukoll li f'ċertu postijiet hemm bżonn li nġibu gaffa. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

63.7.2 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bżonn jiġu aġġornati l-pjanti tal-gabbani tal-Festi minħabba li qed ikun hemm ħafna li mhux jarmaw fejn suppost. Wara li jiġu aġġornati, l-pjanti għandhom jiġu mgħoddija l-pulizija jew gwardjani sabiex dakinhar tal-festi jiġu ċċekkjati li kollha armati fil-posta tagħhom. Dwar dan il-Kunsill qabel.

63.7.3 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar permess ta' żvilupp li kien hemm fi Triq Għar Dalam. Inġibdet l-attenzjoni li l-permess li qed jirreferi kien ġie *refused*.

63.7.5 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar Rotta 135 fejn qal li wasal iż-żmien li l-Kunsill jara jekk din ir-rotta hiex qed tintuża. F'każ li ma tantx qed tintuża' is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikkunsidra li din ir-rotta ma tibqax tgħaddi minn Triq San Filippu. Il-Kunsillier Keith Fenech ikkonferma li xi residenti jużaw din ir-rotta u għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandha tibqa' kif inhi.

63.7.6 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex Trejqet Santu Kristu issir *one way* minħabba li ma jgħaddux żewġ vetturi jew isiru xi traffic lights. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba.

63.7.7 Is-Sindku Darren Abela ressaq ilment dwar Trejqet Santu Kristu fejn hemm parti mit-triq li m'hemmx ċint u hija perikoluża għax hemm l-għoli. Il-Kunsill qabel li jressaq l-ilment ma' Transport Malta.

63.7.8 Is-Sindku Darren Abela qal li fi Triq Manwel Dimech sar *patching* imma l-problema li jinżamm l-ilma xorta ma ssolvitx. Għaldaqsatant ippropona li titressaq talba lill-IM sabiex issir mill-ġdid għax qed iżżomm l-ilma.

63.7.9 Is-Sindku Darren Abela ppropona biex it-Triq ta' faċċata ta' Triq il-Wilġa tissemma għal Dr Mario Rizzo Naudi. Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li l-Kunsill għandu jikkunsidra ukoll li tissemma triq għat-Tabib Paris. Il-Kunsill qabel li jikkunsidra din it-talba meta jkollna triq mingħajr isem.

63.7.10 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-Bust ta' Dr Rizzo Naudi, fejn informa li se jkun qed jippreżenta l-abbozz fil-laqgħa li jmiss.

63.7.11 Is-Sindku Darren Abela qal li l-AKL qed tipproponi biex il-Kunsill jieħu lista ta' min hu interressat li jattendi għal-lobgħa tal-Malta FA Trophy u jissusidjaw it-trasport.

63.7.12 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill ingħata fondi għall-Attivitajiet Kulturali fejn applikajna għal Karnival tas-sena d-dieħla.

63.7.13 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li il-proġett tal-Picnic Area fi Triq l-Andar ġie approvat mill-Project Green li ammonta għal €1,914,570. Dan l-Ammont jinkludi 10-year maintenance plan kif ukoll l-ammont ta' 10% li l-Kunsill irid jikkontribwixxi fuq perjodu ta' 3 snin. Min-naħa ta' Project Green qed jintalab ukoll l-amministrazzjoni tal-art li taqa' taħt il-Lands. Għaldaqstant se jkun qed jinbeda l-proċess biex issir it-talba. Dwar dan kollu il-Kunsill qabel.

**63.8 <u>Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera</u>**

Ma tressqu ebda mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**63.9 <u>Mozzjonijiet</u>**

63.9.1 Annessi mal-Minuti

**63.10 <u>Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

63.10.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 10 ta' Lulju 2023 fil-5.30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-9:00pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 63**

**Mozzjoni Ref:** 63-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 61

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Keith Fenech**<br>**Sekondant** |

**Data:** 12 ta' Ġunju 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 63**

**Mozzjoni Ref:** 63-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 62

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Keith Fenech**<br>**Sekondant** |

**Data:** 12 ta' Ġunju 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 61**

**Mozzjoni Ref:** 63-03

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagament Nru 63/08

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech**<br>**Proponent** | **Rose Agius**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 12 ta' Ġunju 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**